MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 59

Il-Ħamis, 28 ta' Settembru, 2023

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 59.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

59.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

59.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 59.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

59.2.1 Is-Sindku qal li rigward il-proġett Finanzjament ta' Proġetti Kapitali Aċċessibilita' u Mobilita' (SPI/SCI/3/2020), ippropona sabiex il-fondi li għad fadal jiġu trasferiti sabiex inżidu l-ammont ta' bollards fil-pjazza kif ukoll isir upgrade tal-pjazza biex il-pjazza tkun qed taqdi aktar il-missjoni tagħha fejn tidħol mobilità. Il-Kunsill qabel unanimament.

59.2.2 Is-Sindku qal li hu flimikien mal-Perit tal-Kunsill qed jippreparaw traffic management ta' Triq il-Wileġ.

59.2.3 Bħala parti mill-iskema tal-Playing Fieled is-Sindku ppreżenta l-kontijiet tal-manutenzjoni tal-merry go round li jammontaw għal madwar €6,000. Il-Kunsill qabel unanimament li jħallashom u jara x'baqa' flus biex nagħmlu l-aħjar użu minn din l-iskema.

59.2.4 Is-Sindku qal li rigward il-kwistjoni tal-ilma mill-ġibjun ta' taħt il-playing field, qed jipproponi sabiex fl-aħħar tax-xahar ikun hemm ġurnata waħda fejn kulħadd ikun jista' jiġbed l-ilma. Il-kunsillier Joseph Cauchi qal li hu tal-idea li dan jingħalaq darba għal dejjem għall-pubbliku. Wara diskussjoni sar qbil li mmexxu fuq l-ewwel proposta dik li jinfetah darba f'xahar nhar ta' sibt bejn 8am u 12pm u jerġa jingħalaq.

59.2.5 Is-Sindku qal li rigward il-ħarġa tal-studenti mill-Ukraina morna tajjeb ħafna u ingħataw magnet bħala tifkira.

59.2.6 Is-Sindku qal li rigward ix-shifting tal-bozza ta' Triq ta' San Lawrenz għadu jitħabat mal-kuntrattur sabiex issir . Hu kompla jgħid li rigward il-bozza l-ġdida ta' Triq Cangura ukoll għadha ma saritx u l-istess għadu jiġri wara l-kuntrattur. Hu wera r-rabja tiegħu għal dan il-fatt li l-kuntrattur mhux biss qed iħalli talbiet bħal dawn imma wkoll anke fejn jidħol bdil ta' lampi maħruqa.

59.2.7 Is-Sindku qal li rigward l-ittra li bagħat sabiex issir magna tal-BRCS f'San Lawrenz għadu ma irċiviex risposta. Is-Sindku kompla jgħid li hu jipproponi li flok magna permanenti, jiġi t-trakk tlett darbiet fil-ġimgħa u jerġa jitlaq. Il-Kunsill qabel unanimament.

59.2.8 Is-Sindku qal li tal-Keep Fit classes kien hemm rispons tajjeb ħafna u filfatt saru żewġ classes flok waħda biss.

59.2.9 Is-Sindku qal li rigward il-medalji li nagħtu fiċ-ċerimonji tal-onorifiċenza, sab kwotazzjoni fejn il-Kunsill irid jordna 50 medalja bil-quddiem u jiġu jiswew €2,900. Is-SE qalet li is-sitwazzjoni finanzarja bħalissa hi prekarja peress li hemm deficit sostanzjali. Is-SE qalet li mhux għaqli li flus jitefqu f'affarijiet simili bħal-medalji meta ikollna spejjeż oħra essenzjali. Is-Sindku qal li huwa ppropona din l-offerta għaliex hemm ammont kbir. Jibża li jekk imorru għal waħda jew tnejn "iz-zalza tiġi ogħla mill-ħuta". Wara diskussjoni sar qbil li nixtru żewġ medalji biss.

59.2.10 Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill bil-proġett li qed isir fiċ-Ċentru tad-Dwejra, flimkien mal-ERA bl-isem Corallo. Huwa qal li qed isir xi apparat ġdid u jitwaħħal, kif ukoll ser jinbidel il-generator li hemm u ppropona li l-qadim jinbiegħ. Il-Kunsill qabel unanimament.

59.2.11 Is-SE irreferiet għall-ittra mibgħuta minn residenti fi Triq ir-Rokon fejn il-Kunsill kien ikkupjat.

59.2.12 Is-SE irreferiet għall-korrispondenza fejn ir-Reġjun qed isaqsi l-Kunsill jaċċettax sabiex jagħti t-tilqima tal-influenza. Il-Kunsill qabel unanimament.

59.2.13 Is-SE irreferiet għall-korrispondenza rigward possibilment li nipparteċipaw fil-Gozo Business Awards. Il-Kunsill qabel unanimament li jipparteċipa bill-japplika fl-attivitajiet kontra użu ta' plastik u ċ-Ċentru tad-Dwejra.

## 59.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

59.3.1 Il-viċi sindku Anthony Formosa rigward il-manutenzjoni tal-pjazza. Is-Sindku qal li hu se jitlob sabiex il-fondi tal-iskema 3/2020 jiġu trasferiti sabiex issir manutenzjoni fil-pjazza u jiżdiedu iktar bollards għaliex għall-proġett tar-roti m'hemmx kuntrattur li imħajjar jagħmilhom.(aktar dettalji f'para 59.2.1) Il-Kunsill qabel unanimament.

59.3.2 Il-Kunsillier Joseph Cauchi saqsa jekk fis-Sibtijiet hux se terġa tingħalaq il-Pjazza. Is-Sindku qal li issa nhar is-Sibt li jmiss biss għad-fadal li tingħalaq.

59.3.3 Il-Kunsillier Carmela Grima saqsiet għalfejn it-toilets tad-Dwejra għadhom jitbattlu f'ħin li jkun hemm it-turisti. Il-Kunsill qabel unanimament li mhux aċċettabli pero rrimarka li din hija responsabilità tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku fakkar fid-diversi emails u telefonati li jagħmel kontinwament dwar din il-materja.

## 59.4 October Festival;

59.4.1 Is-Sindku qal li hu infurmat li r-Reġjun għadu kif ħareġ it-tender pero jidher li mhux ser ikun hemm żmien biżżejjed sabiex jitwettaq l-avveniment.

## 59.5 Bord tal-Adjudication tat-tenders; SLLC/ 05 – 09/2023;

59.5.1 Is-SE qalet li l-Kunsill irid jaħtar il-bordijiet tal-adjudikazzjoni għat-tenders. Wara diskussjoni sar qbil li jinħatru dawn il-membri:

SLLC/05/2023: - Perit Edward Scerri, Lucienne Haber, Dr. Larry Formosa, President: William Sultana, Segretarju: Sarah Formosa.
SLLC/06/2023: - Eng Curmi, Lucienne Haber, Dr. Formosa, President: William Sultana, Segretarju: Sarah Formosa.
SLLC/07/2023: - Dr. Larry Formosa, Lucienne Haber, Perit Edward Scerri, President: William Sultana, Segretarju: Sarah Formosa.

SLLC/08/2023: - Dr. Joshua Grech, Lucienne Haber, Perit Shawn Micallef, President: William Sultana, Segretarju: Sarah Formosa.
SLLC/09/2023: - Lucienne Haber, Dr. Joshua Grech, Perit Lauran Dimech, President: William Sultana, Segretarju: Sarah Formosa.

## 59.6 Ħarġa f'Novembru;

59.6.1 Is-Sindku ippropona sabiex nagħmlu ġita għall-Malta fl-1 ta' Novembru li tinkludi vizita tal-grotto ta' San Pawl, l-Arkivju Nazzjonali, l-Fabbrika tal-Farsons u l-Belt. Il-prezz ikun ta' €15.00 bi dħul tal-fabbrika optional. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

59.7.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

59.7.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 59.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

59.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:45 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 28 ta' Ottubru 2023 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv